# Insinifikanti

Priscilla Cassar

Bħal buttuna
nofsha mdendla
mill-qafas ta' sidrek,
titħajjar tqaċċatni.
Idurlek u tħalliha hemm
Sakemm biż-żmien taqa' waħedha
u int
ma tindenjax ruħek tiġborha.

Bħal nemla
titlajja bil-mod
tul idek
waqt li tittajpja …
Tiggustani
tiflini b'reqqa
ttini ċans …
F'salt -
iċċallasni mal-mejda.

U rajt fik dak li int stess ma stajtx tara
kull darba li pruvajt tkellimni u ma stajtx.

Għax il-vuċi tiegħek tiżvinta bħal spirtu
fi flixkun miftuħ

U nifsek biss inħoss m'għonqi kiesaħ
mal-kordi ħiemda tal-vjolin.

Xtaqt smajt il-melodija ta' leħnek
tiżfen mar-raxx tal-mewġ

U li qbadna id f'id u ħallejna l-baħar jiblagħna
Forsi ... konna nsiru ħaġa waħda fil-qiegħ
mar-ramel u l-arzell

Iżda ... minxura l-imħabba
bħal-labar tal-inxir li tilfu battalja
kontra r-riħ
u ma jifdal xejn għajr ħabel jitbandal

Hekk hi minxura l-imħabba ...